MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

**ONOR. IMHALLEF**
**GINO CAMILLERI**

Seduta tat-22 ta' Novembru, 2004

Citazzjoni Numru. 613/2003

**Alfio Attard**

**vs**

**Laurence Attard**

Il-Qorti

Rat ic-citazzjoni fejn l-attur ippremetta:

Illi huwa s-sid tal-fond numru sitta u ghoxrin (26), qabel tmienja u ghoxrin (28), Triq Balbi, Marsa (Dok A u B); u

Illi madwar sena u nofs ilu l-attur ippremetta lill-konvenut jidhol jghix f'dan il-post, u dan taht mera tolleranza, u bl-intendiment car illi kemm il-darba l-attur jigi bzonn il-post, allura l-konvenut jivvaka immedjatament il-fond in kwistjoni; u

Illi l-attur informa ripetutament lill-konvenut illi hu jrid illi c-cwievet tal-fond in kwistjoni jigi ritornati lilu, u li l-istess konvenut ghandu johrog mill-istess fond; u

Illi l-konvenut qed jokkupa l-fond in kwistjoni minghajr ebda titolu validu fil-ligi; u

Illi ghalkemm l-konvenut gie interpellat diversi drabi sabiex jivvaka l-fond in kwistjoni, baqa’ inadempjenti; u

Illi, fil-fehma tal-attur, il-konvenut m’ghandux eccezzjonijiet xi jressaq kontra t-talbiet attrici;

Ghalhekk l-attur talab li l-konvenut jghid ghaliex din il-Qorti, m’ghandiex:-
Tiddeciedi skond it-talba bid-dispensa mis-smiegh tal-kawza a tenur tal-Artikolu 167 tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta’ Malta;
Tiddikjara illi l-konvenut qed jokkupa l-fond numru sitta u ghoxrin (26), Triq Balbi, Marsa minghajr ebda titolu validu fil-Ligi;

Konsegwentement, tordna lill-konvenut jivvaka l-fond numru sitta u ghoxrin (26), Triq Balbi, Marsa, u ghal dan il-ghan tiffissa zmien qasir u perentorju;

Bl-ispejjez, inkluz tal-ittra interpellatorja datata 17 ta’ Mejju 2003, kif ukoll tal-ittra ufficjali datata 26 ta’ Mejju 2003, kontra l-konvenut, li gie ngunt ghas-subizzjoni;

Rat id-dikjarazzjoni tal-attur debitament konfermata bil-gurament u l-lista tax-xhieda tieghu;

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tal-konvenut fejn preliminarjament giet ecepita l-inkompetenza ta’ din il-Qorti *ratione materiae u ratione valoris* u fit-tieni lok u minghajr pregudizzju ghal dak gia eccepit din il-kawza hija bbazata fuq l-premessa li l-fond gie moghti lill-konvenut fuq mera tolleranza meta fil-fatt dan il-fond kien mikri lill-konvenut u dan kif se jigi ppruvat waqt it-trattazzjoni tal-kawza;

Rat id-dikjarazzjoni tal-konvenut debitament konfermata bil-gurament u l-lista tax-xhieda tieghu;

Rat l-atti l-ohra kollha tal-kawza u d-dokumenti esibiti;

Rat il-verbal tas-seduta tat-2 ta' Dicembru 2003 minn fejn jirrizulta li l-partijiet informaw il-Qorti li fil-mori tal-kawza l-konvenut ikkonsenja lura c-cwievet tal-fond in kwestjoni u ghalhekk il-mertu hu esawrit;

Rat il-verbal tas-seduta tal-4 ta' Novembru 2004 minn fejn jirrizulta li l-kawza giet differita ghas-sentenza dwar il-kap tal-ispejjez;

Ikkonsidrat:

In vista ta' dak li gie dikjarat mill-partijiet fl-imsemmi verbal tas-seduta tat-2 ta' Dicembru 2003 u in vista tac-cirkostanzi kollha partikolari tal-kaz jidher li hu opportun li l-konvenut jigi kundannat ihallas l-ispejjez kollha tal-kawza;

Ghal dawn il-motivi :

Tiddikjara li mhux ser tiehu konjizzjoni ulterjuri tal-mertu tal-kawza u dana in vista tal-imsemmi verbal tas-seduta tat-2 ta' Dicembru 2003 fejn il-partijiet iddikjaraw li l-istess mertu hu esawrit. Tikkundanna l-konvenut ihallas l-ispejjez kollha tal-kawza.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------